MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Numru 509/2012

Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)

vs

Yussuf Sako

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' nazzjonalita Ivorjana, numru moghti mill-Pulizija 11E – 072, akkuzat talli

1. fit-12 ta' Mejju 2012 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport u Karta tal-Identita', jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport u Karta tal-Identita li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Sidibe

Massa bin-numri 06TC95788 u 567183201889 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)
2. matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta)
3. matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti j ew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta)

Semghet lill-imputat tramitte l-interpretu nominat jirregistra ammissjoni fl-liema baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217, l-Artikolu 189 u 17 tal-Kap 9.

Tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tad-dokumenti falsifikati.

Il-Qorti spjegat il-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------